**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**Vs**

**Matthew Joseph Schembri**

**Illum, 7 ta' Ottubru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Matthew Joseph Schembri**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Joseph u Rita nee' Muscat imwieled Pieta' fl-14 a' Jannar 1985 u li jjoqhod 20, Triq San Duminku, Sliema detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 73785M akkuzat talli;

1. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed jigi akkuzat talli fil-kapacita' tieghu personali u/jew bhala klijent li ghalih qieghed jsir xoghol f'48, Triq Gorg Borg, Qormi nhar is-6 ta' Jannar, 2020 matul il-gurnata u/jew fil-gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel naqas milli jonqos milli jwettaq id-dmirijiet tieghu ta' klijent billi naqas milli jiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' Art 3 ta' A.L. 88/2018.

2. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' tieghu ta' project supervisor naqas milli jiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' Art 6 A.L. 88/2018.

3. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' tieghu ta' project supervisor naqas milli jara li fil-kaz ta' sit ta' kostruzzjoni fuq liema xoghol huwa ppjanat li jdum aktar minn 30 jum tax-xoghol u fuq liema aktar minn 20 haddiem jahdmu simultanjament, jew li l-volum tax-xoghol huwa skedat li jeccedi l-500 person days, is-supervisor tal-progett ghandu jikkomunika notifika minn lill-Awtorita' mil-inqas erbgha gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol fuq il-progett. La darba tibda kull attivita' ta' xoghol fuq il-progett, kopja tal-avviz minn qabel ghandha tkun murija b'mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk necessarju, tkun aggornata perjodikament u dan ai termini ta' Art. 5(3) ta' A.L.88/2018.

4. fl-istess zminijiet, loku cirkostanzi fil-kapacita' tieghu ta' supervisor tal-progett naqas milli jiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol billi naqas milli jfassal pjan ta-sahha u sigurta' qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' Art. 5(4) (a) ta' A.L. 88/2018

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li fl-ispezzjoni li saret mill-ufficjal tal-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol nhar it-23 ta' Frar 2021 gewwa s-sit ta' kostruzzjoni f'48, Triq Gorg Borg, gewwa Hal-Qormi rrizulta li kien hemm xi gallariji mal-faccata li ma kellhomx ilqugh hekk kif rikjest mill-ligi. In sostenn ta' dan il-prosekuzzjoni ipprezentat numru ta' ritratti, mil-liema ritratti, ghalkemm setghu jittiehdu minn angolu ahjar, jirrizulta car li l-imsemmija

gallariji kienu minghajr ilqugh hekk kif deskritt mill-ufficjal tal-OHSA. Mid-dokumenti pprezentati mill-prosekuzzjoni setgha anke jigi kkonfermat li l-qua imputat kien il-klijent fir-rigward tal-imsemmi sit. Dan l-irwol tal-imputat qatt ma kien ikkontestat mid-difiza.

Min-naha tieghu l-imputat ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn ezebixxa fost dokumenti ohra zewgt ritratti bil-ghan li jispjega li fis-sit in kwistjoni kien hemm ilqugh. Hawnhekk isir referenza ghal dok. MJS u dok. MJS1. L-imputat spjega li dok MJS huwa identiku ghal MJS1 u li Dok MJS1 gie ipprezentat bil-ghan li jkun hemm indikazzjoni tad-data li fih ittiehed ir-ritratt. L-imputat spjega ukoll li dan ir-ritratt ma ttiehedx minnu personalment izda minn STO Borda. Is-Sur Borda f'dawn il-proceduri ma giex prodott sabiex jixhed u per konsegwenza ma setghax jikkonferma r-ritratti u wisq inqas id-data li fihom ittiehdu. L-imputat fix-xhieda tieghu jaghmel referenza ghad-data indikata fuq id-dokument immarkat MJS1 madanakollu dik id-data, fil-fehma tal-Qorti, mhux necessarjament tirrifletti d-data li fih ittiehed ir-ritratt anzi wisq probabli tirrifletti d-data li fiha r-ritratt intbaghat lill-imputat. Ghaldaqstant in vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet dina l-Qorti ma hijiex konvinta li r-ritratt ipprezentat mill-imputat waqt ix-xhieda tieghu ttiehed fil-perjodu ndikat fl-imputazzjonijiet. F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragonevoli

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ikkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u n-natura tal-imputazzjoni dedotti fil-konfront tal-imputat inkluz il-fatt li l-Awtorita' kienet ga gibditlu l-attenzjoni fuq l-importanza ta' ilqugh izda huwa reggha inqabad inadempjenti ghat-tieni darba. Din il-Qorti kkunsidrat ukoll l-irwol li huwa kellu. Tenut kont li l-imputat kien affaccjat b'zewgt kawzi fil-konfront tieghu fl-istess seduta fejn l-imputazzjonijiet jidher li kienu simili izda li saru fi zminijiet differenti, dina l-Qorti kkunsidrat ukoll l-insenjament tas-sentenza tal-

Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) **il-Pulizija vs. Joseph Galea** mghotija fit-3 ta' Novembru 1995:

> *"… din il-Qorti ma tistax tordna li t-tliet proċessi jew it-tliet sentenzi diġa` mogħtija jiġu inkorporati fi proċess wieħed jew f'sentenza wahda – ebda disposizzjoni tal-liġi ma tawtorizza li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-liġi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim'Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu ttrattati bħala reat kontinwat f'kawża waħda, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi."*

Dan l-insenjament gie anke kkonfermat permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Emanuel Infurna** datata 31 ta' Lulju 2013.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 5 u 6 tal-Avviz Legali 88/2018, qed issib lil qua imputat, Matthew Joseph Schembri, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 1500.

______________________

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

______________________

Christine Farrugia

Dep.Reg.